**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 080/2017**

**BB ('l-ilmentatur')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Ltd.***

**(C26761) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tal-20 ta' Frar 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur bazikament jghid li f'Marzu tas-sena 2014, kien mar gewwa l-ufficcju ta' *Crystal Finance Investments Ltd*. tal-Belt, Valletta, *City Gate*, u dan wara li kien sema' diversi reklami fuq ir-radju fejn bdew jirreklamaw sensiela ta' investimenti.

Jghid li hu kien qal lill-*financial advisor*, Michelle Stanmore, li kien sema' b'dawn l-investimenti fuq ir-radju u li xtaq jinvesti fihom. Jilmenta li l-*financial advisor* ma tatu l-ebda indikazzjoni jekk l-investimenti in kwistjoni kinux *high risk* jew le; sempliciment qaltlu biex jiffirma d-dokumenti li kellu quddiemu. Jghid li ftit wara rritorna biex jaghmel investiment iehor u Ms Stanmore qaltlu li kienu inhatfu tant kemm kienu investimenti tajbin.

Jilmenta li ghall-habta ta' Ottubru 2014, kien ircieva ittra minghand *Crystal* fejn kienu infurmawh li *bond* minnhom, is-*7.25% Mox Telekom AG Ltd. S.A. (SME) 02.11.2017* kien falla wara biss sitt xhur.

Jghid li xi tliet xhur qabel ma ghamel l-ilment quddiem l-Arbitru, kien mar ghand *Calamatta and Cuschieri*, peress li *Crystal* kienet inxtrat minn din is-socjetà, u sar jaf li kien falla *bond* iehor, *6¾% Steilmann-Boecker Fashion Point GmbH & Co. KG 2012-27.6.17 (FRA).* U jilmenta li b'hekk huwa tilef madwar €5,800.

L-ilmentatur jghid li kien baghat ittra lil *Crystal Finance* bl-ilment tieghu fir-rigward it-telf tal-imsemmija somma ta' flus. Jilmenta li min-naha taghhom, *Crystal Finance* baghtulu ittra datata 10 ta' Mejju 2017, fejn huma cahdu kwalunkwe responsabbiltà da parti taghhom u nfurmawh li seta' jaghmel ilment mal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

L-ilmentatur ihoss li l-provditur tas-servizz naqas fil-konfront tieghu meta minkejja l-garanziji li nghataw fir-reklami fuq l-investiment in kwistjoni fuq il-mezzi tax-xandir, u minkejja l-fatt li huwa dejjem insista li ried investiment b'kapital sigur, il-pariri moghtija mill-provditur tas-servizz ma kinux pariri affidabbli peress li ftit wara li ghamel l-investiment, kien falla wiehed mill-*bonds* fil-portafoll tieghu u, sussegwentement ghal dan, falla *bond* iehor; u dan meta l-ewwel *bond* kien falla wara biss sitt xhur. Ghalhekk, umilment, jghid li l-provditur tas-servizz naqas mill-professjonalità u diligenza rikjesta minnu mil-ligi fl-ghoti tal-pariri tieghu.

Jitlob li minghajr pregudizzju ghat-telf ta' dhul t'interessi, il-provditur tas-servizz jirrifondih is-somma ta' hamest elef u tmien mitt ewro (€5,800).

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-"**Arbitru**") m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreements* (annessi u mmarkati bhala '***Dok CFI1'***) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts,*' u ghalhekk l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment.

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi in-nullità tal-Ilment *ai termini* tal-Artikolu 789(1)( c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjetà Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjetà Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex

possibbli li s-Socjetà Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputibbli taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni allegati li fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta' fatturi totalment estranei ghas-Socjetà Esponenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-investitur Ilmentatur u s-Socjetà Esponenti kif se jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz.

5. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur qed jibbaza l-Ilment tieghu u qed jirreferi "*nghid illi meta jiena kont quddiem Michelle Stanmore, ma tatni l-ebda indikazzjoni ta' jekk l-investimenti in kwistjoni humiex ta' high risk jew le, hija sempliciment qaltli biex niffirma d-dokumenti li kelli quddiemi*." Filwaqt illi s-Socjetà Esponenti taghmilha cara illi l-Ilmentatur dejjem kien infurmat b'kull investiment u proposta u iddecieda illi jinvesti flusu f'investimenti mas-Socjetà Esponenti minghajr ebda perswazjoni, kif ukoll ried imghax gholi allavolja gie spjegat li dan ifisser riskju oghla, is-Socjetà Esponenti ma taqbel assolutament xejn li hemm lok ghal xi ilment.

Fil-fatt, huwa car illi l-attur kien konxju sew ta' kull caqliq li sar fil-portafoll. Tant hu hekk, illi l-Ilmentatur izid illi "*Fil-fatt ftit wara li jien ghamilt dan l-investiment jiena kont irritornajt lura sabiex naghmel investiment iehor …*"

7. Inzidu wkoll li meta l-Ilmentatur attenda diversi laqghat, dak li gie diskuss u deciz minghand iz-zewg partijiet gie iddokumentat, u ikkonfermat bil-firma tieghu. Dejjem ircieva d-dokumentazzjoni necessarja u anke rcieva l-konferma ta' kull tranzazzjoni u anke rendikont tal-portafoll darbtejn fis-sena u kull sena. Dejjem ukoll kien hemm l-ghazla li ma jaccettax il-proposti fuq il-portafoll u jiehu l-flus x'imkien iehor, però, ikkonferma biex jipprocedi mod iehor konxjament, dan kollu dokumentat u iffirmat. Konvenjentament mhux qed jissemma' li l-Ilmentatur talab huwa stess li jinvesti f'dan il-*Bond Portfolio* (*BP210*) ghaliex il-konjuga tieghu kienet digà ippartecipat f'diversi investimenti simili. Ukoll mhux qieghed inizzel illi l-*financial advisor* irrakkomandat investiment b'firxa akbar ta' *bonds*, permezz ta' *fund*, però, l-Ilmentatur ghazel li jippartecipa fil-*BP210* minkejja s-suggeriment taghha. Dan kollu dokumentat u ikkonfermat bil-firma tal-Ilmentatur.

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

   a) Illi d-dannu jew telf li garrab l-Ilmentatur, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom jew ma seta' jkollhom l-ebda kontroll is-Socjetà Esponenti. Ghalhekk kwalunkwe telf li garrab l-attur huwa rizultat ta' *Market* u *Credit Risk*, riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju (u dan kif gie spjegat lill-Ilmentatur mir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta, kif ukoll miktub fid-dokumenti provduti lill-Ilmentatur liema dokumenti hu stess kien iffirma (inkluz ir-*ratings* ta' kull *bond*, *vide* '**Dok CFI2')**, u kif ukoll spjegat lilu fil-korrispondenza qabel dan l-Ilment), u liema *bonds* **inkluzi fil-*Bond Portfolio (BP210) 6.75% Steilmann 2017; 7.25% Mox Telekom AG Ltd 2017; 7% Homann Holzwerkstoffe GmbH 2017,*** kienu, fil-hin meta nghata l-parir lill-attur, jghoddu jew *suitable* ghalih, dejjem kienu maghzula *bonds* li ma jaqghux taht il-kategorija ta' '*complex instruments'* u tul ir-relazzjoni kollha bejn il-partijiet li bdiet fis-sena 2014, qatt u fl-ebda mument ma kien hemm investiment mhux skont kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u mhux b'konformità mal-istruzzjonijiet tal-Ilmentatur stess; fil-fatt il-*bonds*

li qed jilmenta dwarhom is-Sur BB fil-hin li inghata l-parir kienu *investment grade rated BBB* u dan huwa ben spjegat fit-*Term Sheet* li ffirma l-klijent u li taghha nghata kopja.

b) L-Ilmentatur kien familjari ma' dan it-tip ta' investimenti u kien jaf ezattament x'fihom id-dokumenti li kien qed jiffirma. Huwa wisq facli u kontra kull principju ta' *portfolio theory* li investitur jippretendi li jzomm ghalih kull dhul mill-portafoll tal-investimenti u, mbaghad, jippretendi li *advisor*, f'dan il-kaz, is-Socjetà Esponenti, minkejja r-*risk warnings* li jkun ta lill-klijent bil-fomm u bil-miktub, jidhol jaghmel tajjeb ghal xi investiment partikolari li jmur hazin minkejja li dan jigri minhabba cirkostanzi li graw ferm wara li jkun inghata l-parir, cirkostanzi li ma kinux previdibbli fil-mument li fih sar l-investiment. Specjalment f'dan il-kaz l-Ilmentatur mar kontra dak li gie issuggerit mis-Socjetà Esponenti, jigifieri li jinvesti go *fund* b'firxa akbar ta' *bonds*.

c) Ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

d) Is-Socjetà Esponenti dejjem imxiet mal-obbligi taghha, skont kif tirrikjedi l-ligi u anke bosta regolamenti taht il-*MiFID* (*The Markets in Financial Instruments Directive*) minghajr ebda preferenza lejn xi tip jew grupp ta' klijenti fuq iehor.

e) Is-servizz li ghazel l-Ilmentatur kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-Ilmentatur (*advisory service*), u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tas-Socjetà Esponenti (*discretionary service*) fejn l-ghazla taqa' biss f'idejn is-Socjetà minghajr konsultazzjoni mal-Ilmentatur. Dan isostni illi l-Ilmentatur dejjem kien mgharraf u ppartecipa fid-decizjoni u kien dejjem aggornat kemm f'diversi laqghat u anke permezz ta' korrispondenza li ntbaghtet regolari.

f) L-obbligi ta' *Crystal* skont il-ligi u skont il-ftehim mal-klijent tat-*Terms of Business* huwa li tibghat *statement* kull sitt xhur b'valutazzjoni korretta u li tinforma lill-klijent dwar xi *default* jew *corporate actions* li jista' jkun hemm fuq il-*bond* investit. Ma hemmx obbligi li jinforma lill-klijent bit-tibdil fil-prezz ghax dan huwa process kontinwu u, anke jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fil-prezz, mhux dejjem ikun car ghaliex dan gara u jehtieg iz-zmien biex issir ir-ricerka halli *Crystal* tifforma opinjoni dwar jekk il-prezz waqax hafna b'mod li wiehed ahjar jistenna jew fadallux aktar x'jaqa' u, allura, wiehed ahjar jillikwida. *Bonds* ta' kumpaniji (*corporate bonds),* huma aktar suggettibbli ghal tibdil fil-prezz minhabba diceriji mhux ippruvati u spekulazzjoni minn *vulture investors.*

g) Il-klijent u l-Arbitru ma ghandhomx jippretendu li *Crystal* taghti servizz oltre minn dak miftiehem u minn dak li tipprovdi l-ligi. Is-servizz li ghazel l-Ilmentatur kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-Ilmentatur (*advisory service*), u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tas-Socjetà Esponenti (*discretionary service*) fejn l-ghazla taqa' biss f'idejn is-Socjetà minghajr konsultazzjoni mal-Ilmentatur. Servizz ta' *discretionary management* jitlob *fees* akbar u rapportagg aktar frekwenti minn servizz ta' *advisory service* li ghazel il-klijent. Oltre minn dan *Crystal* issostni illi l-Ilmentatur dejjem kien mgharraf u ippartecipa fuq kull decizjoni u kien aggornat permezz ta' *statements,* diversi laqghat u anke permezz ta' korrispondenza li intbaghat lilu regolari meta kien hemm zviluppi li fuqhom *Crystal* kellha fatti x'tirrapporta.

9. Illi fl-ahhar nett, jinghad li s-Socjetà Esponenti ma thossx illi hemm rimedju ghall-Ilment kif imressaq mill-Ilmentatur peress illi l-Ilment m'huwiex gustifikat.

10. Niccaraw ukoll izda li l-ftehim tat-*Terms of Business* li jezisti bejn l-Ilmentatur u s-Socjetà Esponenti jipprovdi li kull tilwim ghandu jigi deciz fil-Qorti Civili u, ghalhekk, kull decizjoni tal-Arbitru tista' tigi appellata fil-Qorti. Dan biex ma jinkorrux spejjez bla htiega il-partijiet.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**.

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda l-gurisdizzjoni tal-Arbitru. Il-provditur tas-servizz jghid li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni a bazi tal-klawsola 17 tad-dokument Dok CFI 1,[1] ipprezentat mill-provditur tas-servizz. L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni peress li:

(i) Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;

(ii) Ghaliex ukoll il-klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

Dan gie ikkonfermat u elaborat f'decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd.*** **deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti irriteniet illi:

> *'L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandu jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju'.*

Il-Qorti ziedet ukoll:

> *'Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power.*

[1] *A fol.* 29 *et seq*

*Għall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx tagħmel sens meta tqis li:*

i. *Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of jurisdiction clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata minn qorti ta' pajjiż magħżul u mhux minn qorti f'pajjiż ieħor;*

ii. *Fi żmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setgħet tfittex għal rimedju kontra l-parti l-oħra mingħajr ħtieġa tal-kunsens tal-parti l-oħra. F'dak iż-żmien l-Att dwar L-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji ma kienx liġi ... Għalhekk żgur li f'dak iż-żmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jagħti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jeżistix ...'*

Il-Qorti ikkonkludiet:

*'Il-qorti hi tal-fehma li hemm ċirkostanzi speċjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minħabba li m'hemmx dubju li fiż-żmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ħadd minnhom ma seta' kien qiegħed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jagħti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wieħed ad hoc bil-għan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji għal rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jeżisti fiż-żmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li għalhekk l-appellata qatt ma setgħet irrinunzjat għalih'.*

Dan kollu ġie ribadit f'deċiżjonijiet oħra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eċċezzjoni identika, fosthom, dik riċenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd.* tal-11 ta' Frar 2019.**

Finalment, fl-ittra li kiteb il-provditur tas-servizz lill-ilmentatur tal-10 ta' Mejju 2017,[2] qallu li jista' jfittex rimedju quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u, għalhekk, irrikonoxxa u ssottometta ruħu għall-ġurisidizzjoni tiegħu.

L-Arbitru jagħmel tiegħu dawn il-motivi espressi mill-Qorti tal-Appell u għar-raġunijiet mogħtija qed jiċħad din l-eċċezzjoni.

---

[2] *A fol. 16*

**It-tieni eccezzjoni dwar nullità** *o meno* tal-ilment hija wahda fiergha peress li, kif deciz mill-Arbitru f'diversi decizjonijiet li kien involut fihom l-istess provditur tas-servizz, l-Arbitru mhuwiex marbut bil-Kodici tal-Procedura Civili hlief ghal referenzi specifici li jsemmihom il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-procedura ta' l-Arbitru hija regolata bil-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li ma tikkontempla l-ebda nullità, anzi tinsisti li l-proceduri quddiem l-Arbitru huma informali u l-Arbitru jrid jiddeciedi skont il-mertu tal-kaz.

Mhux minnu li l-provditur tas-servizz gie b'xi mod pregudikat mill-mod kif inkiteb l-ilment tant li ghamel risposta estensiva. L-ilment kif miktub huwa konformi mal-htigijiet tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, senjalatament l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu ma jikkontempla l-ebda nullità u, ghalhekk, in-nullità la jistghu joholquha l-partijiet u lanqas l-Arbitru galadarba mhix kontemplata mil-ligi. Ghalhekk l-ilment m'hemm xejn null fih.

Barra minn hekk, l-Arbitru jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell[3] f'kaz iehor kontra l-istess provditur tas-servizz fejn din il-Qorti qablet mal-Arbitru li din l-eccezzjoni hija fiergha.

Ghalhekk l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

## FIL-MERTU

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli skont ic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[4]**

### Il-Verzjoni tal-Ilmentatur

L-ilment imressaq mill-ilmentatur jittratta telf li hu garrab minn investiment li kellu mal-*Crystal Finance Investments Limited*. It-telf sostnut kien minn zewg *bonds,* ***7.25% MOX Telecom AG Ltd. S.A. (SME) 02.11.2017*** u ***6.75% Steilmann-Boecker Fashion Point GmbH & Co. KG 2012-27.6.17 (FRA)***.

L-ilmentatur sahaq li wara li sema' diversi reklami fuq ir-radju, hu zar il-fergha tal-provditur tas-servizz fejn wera x-xewqa li jinvesti f'dak li kien qed jigi

[3] ***Carmel Bartolo et Vs Crystal Finance Investments Ltd.*****, tal-5 ta' Novembru 2018**
[4] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

reklamat. Hu tenna li meta kien quddiem ir-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz, ma nghata l-ebda indikazzjoni ta' jekk l-investimenti in kwistjoni humiex *high risk* jew le, izda sempliciment intalab biex jiffirma d-dokumenti pprezentati lilu.

Wara dan il-bejgh, hu kien irritorna fl-ufficcju tal-provditur tas-servizz sabiex jerga' jaghmel investiment iehor bhalma kellu, fejn l-istess rapprezentanta kienet qaltlu li dawn kienu inhatfu tant kemm kienu investimenti tajbin.

L-ilmentatur indika li ftit wara, ghall-habta t'Ottubru 2014, hu kien ircieva ittra minghand il-provditur tas-servizz fejn kien infurmat li l-*bond MOX* kien falla. Barra minn hekk, ftit zmien ilu, huwa zar il-fergha ta' Calamatta Cuschieri, fejn gie infurmat ukoll li *bond* ohra, *Steilmann*, falla ukoll u, ghalhekk, tilef madwar €5,800.

L-ilmentatur sahaq li l-provditur tas-servizz naqas fil-konfront tieghu meta, minkejja l-garanziji reklamati fir-reklami fuq l-investiment fuq il-mezzi tax-xandir, u minkejja l-fatt li hu dejjem inisista li ried investiment b'kapital sigur, il-pariri moghtija mill-provditur tas-servizz ma kinux affidabbli u dan minhabba li ftit wara li sar l-investiment, falla l-ewwel *bond* u, sussegwentement, falla *bond* iehor.

L-ilmentatur tenna li:

> *'… umilment nghid illi l-provditur tas-servizz naqas mill-professjonalità u diligenza rikjesta minnu mil-ligi kemm fil-pariri moghtija.'*[5]

Ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghat-telf ta' dhul t'interessi, l-ilmentatur qed jitlob lill-provditur tas-servizz sabiex jirrifondih is-somma ta' €5,800.

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz:**

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentatur kien dejjem infurmat b'kull investiment u proposta, u iddecieda li jinvesti flusu minghajr ebda perswazjoni filwaqt li ried imghax gholi allavolja gie spjegat li dan ifisser riskju oghla.

---

[5] *A fol.* 7

Dan minbarra l-fatt li huwa kien konxju ta' kull caqliq li sar fil-portafoll. Il-provditur tas-servizz tenna ukoll li, konvenjentament, mhux qed jissemma l-fatt li l-ilmentatur talab hu stess li jinvesti fil-*BP 210* ghaliex il-konjuga tieghu kienet digà ippartecipat f'diversi investimenti simili, filwaqt li lanqas qed jindika li l-*financial advisor* irrakkomandat investiment b'firxa akbar ta' *bonds,* permezz ta' *fund*, izda minkejja s-suggeriment taghha, l-ilmentatur ghazel li jippartecipa fil-*BP 210.*

Barra minn hekk, id-dannu jew telf li garrab l-ilmentatur, jekk dan sehh, kien totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom ma seta' jkollhom l-ebda kontroll u, ghalhekk, kwalunkwe telf li garrab l-ilmentatur kien rizultat ta' *Credit* u *Market Risk* li huwa parti mir-riskju li jgib mieghu investiment f'*bonds* li fihom investa l-ilmentatur. Il-provditur tas-servizz indika li l-*bonds* inkluzi fil-*bond portfolio BP 210* kienu, fil-hin meta nghata l-parir, jghoddu jew *suitable* ghalih, u kienu wkoll *investment grade rated* BBB.

Il-provditur tas-servizz tenna wkoll li l-ilmentatur kien familjari mat-tip ta' investiment mibjugh lilu u kien jaf ezattament x'fihom id-dokumenti li kien qed jiffirma, u dan meta wiehed jikkunsidra ukoll li ma nghatat l-ebda garanzija awtomatika li investiment bhalma kellu l-ilmentatur jirrendi dak li minnu kien mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura, u dan peress li l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

Fuq kollox, is-servizz li l-ilmentatur ghazel kien wiehed ta' parir, jigifieri *advisory service*, u l-ghazla kienet f'idejh u mhux fid-diskrezzjoni tal-provditur tas-servizz – *discretionary service*, fejn l-ghazla taqa' biss f'idejn *Crystal* minghajr konsultazzjoni mal-ilmentatur.

### Ir-Relazzjoni tal-Ilmentatur mal-Provditur tas-Servizz

Ir-relazzjoni tal-ilmentatur mal-provditur tas-servizz bdiet fis-sena 2014, proprju meta gie mibjugh l-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment. L-ilmentatur stqarr li hu zar il-fergha tal-provditur tas-servizz wara li martu kienet semghet xi reklami dwar l-investimenti li kienu qed jigu offruti fuq il-mezzi tax-xandir. Gie komplut mill-provditur tas-servizz *Confidential Client Fact-Find for the Suitability*

*Test*[6] datat 11 ta' Marzu 2014, li jindika li l-ilmentatur gie kklassifikat bhala *Retail Client* filwaqt li s-servizz moghti lilu kien dak ta' *Investment Advice.*

Minn dan il-*Client Fact Find* jirrizulta li l-ghan tal-ilmentatur kien id-dhul (*income*) minn dan l-investiment, filwaqt li l-attitudni ta' riskju tieghu giet ikklassifikata bhala *Medium.*[7] Apparti d-dar matrimonjali u ammont zghir ta' depoziti bankarji, il-*Fact Find* jindika li l-ilmentatur kellu *financial instruments* li jammontaw ghal €40,000, li a bazi ta' dak li ntqal mill-ilmentatur innifsu, dawn huma investimenti li hu kellu fis-suq lokali, dan meta qal:

> '*L-esperjenza tieghi fil-qasam tal-investimenti hija limitata ghal xi investimenti li jiena gieli kelli fis-suq lokali.'*[8]

Hekk kif rifless fil-lista tal-investimenti intitolata *Gain/Loss Analysis,*[9] il-*bonds* li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment kienu **zewg *bonds* sottostanti tal-uniku portafoll li l-ilmentatur kellu mal-provditur tas-servizz. Il-*BP 210* kien l-ewwel u l-uniku investiment li l-ilmentatur ghamel mal-provditur tas-servizz.**

**L-Investiment li dwaru qed jitressaq dan l-Ilment**

L-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment huma zewg *bonds*, ***6.75% Steilmann – Boecker Fashion Point GmbH (SME) 2017*** u ***7.25% Mox Telekom AG Ltd S.A. (SME) 2017***, li flimkien ma' *bonds* ohra kienu jiffurmaw il-*BP 210,* ***bond portfolio* kreat internament mill-provditur tas-servizz.**

L-ammont investit fil-*bonds* sottostanti, li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, kien ta' 35% ghal kull *bond*. ***Minhabba li l-prodott jigi kkreat mill-kumpanija innifisha, l-investitur ma jkollux sehem fl-ghazla tal-bonds sottostanti, u ghaldaqstant, il-prodott ma jvarjax a bazi tal-istrategiji tal-investiment tal-investitur innifsu.***

L-ammont investit fil-*BP 210* kien ta' €8,000, u dan gie mibjugh lill-ilmentatur f'Marzu 2014.

---

[6] *A fol.* 86
[7] *A fol.* 89
[8] *A fol.* 68
[9] *A fol.* 17

L-andament tal-investiment ma kienx wiehed pozittiv, u kien proprju ftit wara dan il-bejgh li l-kumpanija ***MOX***, li kienet provditur tas-servizz tat-telefonija internazzjonali, habbret li talbet il-protezzjoni tal-qorti taht il-ligi Germaniza. Fi ftit kliem, f'Gunju 2014, kien sar maghruf li l-*MOX* kellha djun ta' €73 miljun[10] meta l-ammont ta' assi likwidi kienu madwar €2.6 miljun. Jidher li l-banek ma kinux lesti jgeddu self lill-kumpanija b'konsegwenza li l-kumpanija applikat fil-qrati Germanizi ghall-protezzjoni bil-ghan li tkun tista' tmexxi hi l-process ta' falliment.[11]

Rizultat ta' dan, ma kinitx ser tkun qed thallas il-kupun tat-2 ta' Novembru 2014. L-ilmentatur gie infurmat b'dan permezz ta' notifika[12] datata 30 t'Ottubru 2014. Barra minn hekk, l-ilmentatur gie infurmat ukoll li f'dawn ic-cirkostanzi, l-istess *bond* kienet ser titnehha mill-*bond portfolio* u giet izolata f'pozizzjoni separata fuq il-kont tieghu.

**Din kienet decizjoni unilaterali tal-provditur tas-servizz li turi li mhux minnu li hu sempliciment kien ta parir biss lill-ilmentatur. Fil-fatt, il-prodotti ghazilhom il-provditur tas-servizz u kien hu li holoq il-*BP 210* u ghazel is-sottofondi li kienu jiffurmawh.[13]**

Rizultat ta' din id-decizjoni tal-provditur tas-servizz, hekk kif rifless fil-*Gain/Loss Analysis,*[14] il-*BP 210* inqasam fi tnejn – il-*MOX* tpoggiet f'pozizzjoni separata, u l-kumplament tal-*bonds* sottostanti gew jiffurmaw parti minn *BP 210.1.* A bazi ta' dan l-istess dokument, l-ammont investit fil-*MOX* kien jammonta ghal €2,800. Minhabba n-nuqqas ta' dokumenti pprovduti, bhall-*Confirmation of Purchase*, l-Arbitru jista' biss, f'dan il-kaz, joqghod fuq il-kontenut tal-*Gain/Loss Analysis.*

L-istess *Gain/Loss Analysis* tindika ukoll li, sussegwentement, il-*bonds* sottostanti l-ohra gew ukoll mahruga f'pozizzjoni separata fuq il-kont tal-ilmentatur. Hekk kif anke tenna l-ilmentatur fl-ilment tieghu, jidher car li dan

---

[10] https://www.anwalt.de/rechtstipps/mox-telecom-ag-anleger-verklagen-ratingagentur-creditreform-rating-ag-auf-schadenersatz_067614.html
[11] http://www.anleihen-finder.de/mox-telecom-ag-zahlungsunfaehigkeit-wegen-fehlender-bankenfinanzierung-30-millionen-euro-fehlen-schutzschirmverfahren-beantragt-00017356.html
[12] *A fol.* 12
[13] **F'sentenza ricenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd*. tal-11 ta' Frar 2019, il-Qorti sostniet li minkejja li l-provditur tas-servizz jghid li s-servizz kien wiehed *advisory*, hu xorta wahda kellu l-obbligu li jibqa' jsegwi l-prodott u jagixxi fl-ahjar interess tal-konsumatur.**
[14] *A fol.* 17

sehh minhabba problemi li eventwalment gew iffaccjati mill-kumpanija ***Steilmann*** li harget il-*bond* l-ohra li dwarha qed jitressaq dan l-ilment.

***Steilmann*** kienet kumpanija tal-moda li tiddisinja, timmanifattura u tikkummercjalizza hwejjeg ghall-irgiel u n-nisa, accessorji, u prodotti ohra. Minbarra li kienet tbiegh, kienet tbiegh ukoll marki ohrajn ta' manifatturi ohra anke minn stabbilimenti ohrajn.

F'Settembru 2015, *Steilmann* riedet izzid il-kapital sabiex taghti spinta lit-tkabbir taghha, u dan permezz ta' *Initial Public Offering (IPO)*[15] sabiex ikunu jistghu jakkwistaw kumpaniji ohrajn. Minkejja li, originarjament, riedu jiehdu €100 miljun fuq l-*IPO* sabiex jiffinanzjaw dan it-tkabbir, id-domanda ghall-ishma kienet baxxa u qaghdu biss bi €8.8 miljun.[16]

Minkejja li f'Novembru 2015 kien intqal li l-kumpanija tista' tirdoppja t-*turnover* taghha fit-tliet snin ta' wara, f'Marzu 2016 gie mhabbar li hi insolventi u applikat ghal falliment.[17]

A bazi tal-*Gain/Loss Analysis*, l-ammont investit fi *Steilmann* kien jammonta ghal €2,807.99.

**Il-Mod kif gie mibjugh l-Investiment**

Meta gie mibjugh il-*BP 210*, l-ilmentatur indika li:

> *'Hija kienet urietni biss pakkett t'investiment wiehed biss u ma kinitx urietni alternattivi ohra'.*[18]

Jghid ukoll li:

> *'... l-uniku li qaltli kien li kienu bil-5%, imma lanqas qaltli fejn se tinvestihom u ma qaltlix li kien fihom xi riskju.'*[19]

Minkejja li fl-*affidavit*[20] taghha, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz indikat mod iehor, **huwa evidenti li l-ilmentatur ghazel li jaghmel dan it-tip ta'**

---

15 https://creditreform-magazin.de/2015/09/25/handelsblatt-news/handelsblatt/mehr-mode-fuer-die-boerse/
16 https://creditreform-magazin.de/2016/03/24/handelsblatt-news/handelsblatt/von-einem-ueberstuerzten-verkauf-rate-ich-ab/
17 https://creditreform-magazin.de/2016/03/24/handelsblatt-news/handelsblatt/das-ende-vom-mittelmass/
18 *A fol.* 68
19 *A fol.* 94
20 *A fol.* 83

**investiment ghaliex qaghad fuq il-parir li inghata minnha u johrog car li l-ilmentatur ghamel l-investiment ghaliex kellu fiducja fiha peress li martu kienet digà investiet maghha.**

L-Arbitru hu tal-konvinciment morali li l-verzjoni li ta l-ilmentatur hija aktar konvincenti ghaliex peress li hu kien qed jinvesti f'dawn il-prodotti ghall-ewwel darba, ma kellux l-esperjenza li jiddeciedi wahdu kif donnu jrid jghid il-provditur tas-servizz, jigifieri li l-ghazla ghamilha l-ilmentatur u la ta l-parir seta' jahsel idejh.

F'dan il-qasam il-provditur tas-servizz ghandu obbligi oneruzi hafna li jara li l-prodotti li jissuggerixxi jkunu jaqblu mal-esperjenza li jkollu l-investitur u jara sew li l-investitur *retail* jinghata protezzjoni massima ghall-flus li jkun ser jinvesti.

Kif digà saret referenza aktar kmieni, a bazi tal-*Client Fact Find*, l-attitudni tar-riskju tal-ilmentatur giet ikkategorizzata bhala *Medium.* F'dan ir-rigward, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz sahqet li:

> *'... dwar il-klassifikazzjoni tieghi bhala medium risk tas-Sinjur, inkun rajt is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu u jekk jiddependix biss minn dawn il-flus. Low risk investments mhux xi haga li ahna noffru, kieku nibghathom il-bank, u allura, kklassifikajtu medium risk. Ma kienx klijent ta' high risk.'*[21]

L-Arbitru ghandu d-dubji tieghu dwar il-korrettezza ta' din il-klassifikazzjoni tar-riskju tal-ilmentatur u dwar ir-ragunijiet li tat ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz.

Bix-xhieda taghha stess, ir-rapprezentant tal-provditur ikkonfermat li l-ilmentatur gie kklassifikat bhala *medium risk* ghas-semplici raguni li investimenti li huma *low risk* ma jigux offruti mill-kumpanija. Dan, partikolarment, meta hi stess ikkonfermat ukoll li minkejja dak li gie dokumentat fil-*Client Fact Find*, hi ma kellha l-ebda prova jew evidenza ta' dak li kien qed jintqal:

> *'Ghalkemm nizzilt financial instruments – u hemm €40,000 – nghid li dawn ma nafx x'kienu, u dwar bank deposits jien inkun qghadt fuq li jghidli hu.'*[22]

---

[21] *A fol.* 95

[22] *Ibid.*

Barra minn hekk, il-provditur isostni li:

> *'L-ilmentatur gie kkategorizzat bhala kapaci jgorr medium risk. Dan abbazi tal-fatt li kien qed jinvesti parti zghira tal-assi tieghu u li ga kellu esperjenza permezz ta' martu f'dan it-tip ta' investiment u kien kuntent bl-andament tieghu.'*[23]

Bla dubju, dan huwa argument li ma jregix. Fl-ebda hin ma kellu l-ilmentatur jigi kkategorizzat bhala kapaci jgorr riskju medju, fost ohrajn, ghas-semplici fatt li martu kellha investimenti simili.

Din id-difiza ma tregix ghaliex kellha ssir l-analizi tal-esperjenza li hu kellu u mhux x'kellha martu. Anke kieku biss martu kellha xi investimenti mal-provditur tas-servizz, ma giex ippruvat li hija kienet xi persuna intiza fl-investimenti finanzjarji u, ghalhekk, setghet taghti xi parir lil zewgha. Kif qal l-ilmentatur stess, huwa mar ghand il-provditur tas-servizz ghaliex kien iqis li seta' jinghata parir professjonali. Li kieku ried joqghod fuq l-esperjenza ta' martu, ma kienx imur ghall-parir tal-provditur tas-servizz u jhallas tas-servizzi tieghu.

Il-provditur tas-servizz kien jaf li din kienet l-ewwel darba li l-ilmentatur kien qed jinvesti f'dawn l-istrumenti u, ghalhekk, ma setax iqis li kellu l-esperjenza u jikkategorizzah *medium risk* meta l-ilmentatur kien spjega lir-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz li ma riedx jissogra flusu u ried investiment kawt.

**Dan huwa kaz car fejn l-ilmentatur gie kklassifikat '*medium risk*' biex jigi jaqbel mar-riskju tal-investiment. Kellu jsir bil-maqlub: jigi analizzat il-profil tar-riskju tal-investitur u, jekk dan ma jaqbilx mar-riskju tal-prodott, il-prodott ma jinbieghlux.**

## Konsiderazzjonijiet Finali u Konkluzjoni

Il-punt krucjali imressaq f'dan l-ilment jittratta l-fatt li l-provditur tas-servizz naqas fil-konfront tal-ilmentatur meta l-pariri moghtija lilu ma kinux pariri affidabbli u ghalhekk *'naqas mill-professjonalità u diligenza rikjesta minnu mil-ligi kemm fil-pariri moghtija'.*[24]

---

[23] *A fol.* 107
[24] *A fol.* 7

Peress li jidher car li l-investimenti li biegh il-provditur tas-servizz kienu riskjuzi aktar milli kien jiflah, jidher car li l-provditur tas-servizz naqas mid-dmir tieghu li jagixxi fl-ahjar interess tal-investitur, dan hekk kif kien obbligat li jaghmel skont *Investment Services Rules for Investment Service Providers* mahruga mill-*MFSA* kif ukoll id-Direttiva *MiFID*, partikolarment, skont ir-r regolament li jghid:

> *'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements …'*[25]

Taht l-istess *Standard Licence Condition*,[26] meta provditur tas-servizz ikun qed jaghti parir finanzjarju, huwa obbligat li jaghmel *suitability assessment* tal-investitur biex jistabbilixxi li **t-tranzazzjoni specifika li qed tigi rrakkomandata, tissodisfa dawn il-kriterji:**

- li tilhaq l-oggettiv tal-investiment tal-klijent;
- li hija tali li l-klijent ikun finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment konsistenti mal-oggettiv tal-investiment tieghu; u
- li hija tali li l-klijent ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjoni.

Huwa car li l-objettiv tal-ilmentatur kien li jzid id-dhul tieghu filwaqt li jissalvagwardja l-kapital investit. Dawn l-investimenti ma kinux jiggarantixxu l-kapital investit. Ghalhekk l-investimenti li gew mibjugha ma kinux jilhqu dawn l-objettivi tal-ilmentatur.

Dwar l-gharfien u l-esperjenza, m'hemmx dubju li l-ilmentatur ma kellux dak kollu necessarju f'dan ir-rigward sabiex jifhem ir-riskju tat-tranzazzjoni. Fil-fatt, l-ilmentatur kien jahdem bhala kok u meta ghamel dan l-investiment kien digà pensjonant. Barra minn hekk, l-ilmentatur innifsu ikkonferma li hu kien investa biss f'investimenti fis-suq lokali. F'dan ir-rigward, ma jistax ma jigix innutat dak li qal il-provditur tas-servizz li bbaza l-kriterju tal-esperjenza fuq l-allegata

[25] *ISR – Part B1* Regola 2.01
[26] *Ibid.,* Regola 2.16

esperjenza li kellha mart l-ilmentatur ghaliex kienet investiet qabel mal-provditur tas-servizz:

> *'Ghalkemm l-ilmentatur beda r-relazzjoni mas-Socjetà Esponenti fis-sena 2014 huwa kien ga midhla tas-servizz tat-tip "advisory clients" tas-Socjetà Esponenti mill-2012 ghax il-mara tieghu, is-Sinjura XB, kellha relazzjoni ma' Crystal Finance minn dak iz-zmien u kemm l-ilmentatur kif ukoll martu dejjem urew preferenza li jinvestu fl-istess tip ta' investiment, dawk fil-kategorija ta' high yield bonds'.*[27]

Minkejja li l-provditur tas-servizz inkluda referenza li t-tip ta' investimenti huma riflessi fil-'*Valuation Statement filed showing all transactions'*, il-lista tat-tranzazzjonijiet, jigifieri il-*Gain/Loss Analysis,* **turi biss il-*bond portfolio* li fih investa l-ilmentatur. M'hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi investimenti ohra li l-ilmentatur kien ghamel qabel u li b'xi mod kienu simili ghall-prodotti li gew mibjugha lilu mill-provditur tas-servizz u li dwarhom qed isir l-ilment**.

Kif digà ntqal, il-*bonds* sottostanti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, kienu jiffurmaw parti **mill-uniku investiment** li l-ilmentatur kellu mal-provditur tas-servizz. Fil-fatt, peress li l-investiment sar f'isem l-ilmentatur biss, il-kontenut tal-*Client Fact Find* jinkludi biss dettalji ta' dan l-istess ilmentatur, u ma jinkludix dettalji ta' martu ghas-semplici fatt li l-investiment ma kienx qed isir lil martu imma lilu.

Martu ma tidhol xejn f'din il-kwistjoni. Il-provditur tas-servizz qed idahhal lil martu fil-kredu ghaliex jaf ben tajjeb li l-ilmentatur kien qed jinvesti f'dawn il-prodotti ghall-ewwel darba u ma kellux l-esperjenza u t-taghrif bizzejjed biex jinvesti fihom kif jghidu r-Regoli 'l fuq imsemmija.

L-ilmentatur kien jahdem bhala kok u, ghalhekk, ma kienx xi benestant li seta' joqghod jissogra flusu u kull telf li seta' jgarrab kellu sinifikat kbir ghall-qaghda finanzjarja tieghu.

Huwa evidenti illi kieku sar *suitability assessment* adegwat mill-provditur tas-servizz, kien jirrizulta li l-ilmentatur ma kienx jissodisfa l-kriterji msemmija u,

[27] *A fol.* 106

ghalhekk, l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-*bonds* li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment ma kellhomx jigu offruti u mibjugha lilu.

Barra minn hekk, dawn l-investimenti ma kinux jilhqu *'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur'*.[28]

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust, u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Kumpens**

Fl-ilment tieghu, l-ilmentatur talab li, minghajr pregudizzju ghall-interessi mitlufa, jinghata lura s-somma ta' €5,800, li hi s-somma mitlufa miz-zewg *bonds* li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment.

Minhabba n-nuqqas ta' dokumenti pprezentati bhal, perezempju, l-*Contract of Purchase* fir-rigward tal-*MOX* u *Steilmann*, meta dawn inhargu f'pozizzjoni separata fuq il-kont tal-ilmentatur, l-Arbitru jista' joqghod biss fuq il-*Gain/Loss Analysis*[29] ipprezentata mill-provditur tas-servizz u li l-kontenut taghha ma gie fl-ebda hin ikkontestat mill-ilmentatur.

A bazi ta' dan l-istess dokument, l-ammont investit fil-*MOX* u *Steilmann* kien jammonta ghal €2,800 u €2,807.99 rispettivament, filwaqt li l-ammont li rcieva l-ilmentatur, jigifieri s-*Sell Value,* kien ta' €102.98 u €120.27 rispettivament.

Ghalhekk huwa gust, ekwu u ragonevoli li dawn l-ammonti li rcieva l-ilmentatur ghandhom jitnaqqsu mis-somma investita. Meta jitnaqqsu dawn l-ammonti jirrizulta li l-kumpens dovut huwa ta' **€5,384.74.**[30]

**Ghalhekk, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Crystal Finance Investments Ltd*. thallas lill-ilmentatur is-somma ta' hamest elef, tliet mija u erbgha u tmenin ewro, u erbgha u sebghin centezmu (€5,384.74).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

---

[28] Kap. 555, Art. 19(3)(c)
[29] A fol. 17
[30] Purchase Value ta' Mox u Steilmann (€2,800 + €2,807.99) – Sell Value ta' MOX u Steilmann (€102.98 + €120.27)

**L-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**